# Il-Pittur Ġanni Vella

**Jikteb Jos A. Farrugia**



*Il-Pittur Ġanni Vella (1885-1977)*

F'lejlet il-Milied tas-sena l-oħra (2018) ġara avveniment fil-knisja parrokkjali arċipretali ta' Ħal Tarxien li kien ilu mistenni minn ħafna nies. Dan l-avveniment kien il-kxif tal-koppla li kienet ilha mgħottija għal xi għaxar snin. L-Arċipriet, Dun Chris Ellul, wera x-xewqa li l-koppla tinkixef mit-tfal minn tnax-il sena l-isfel għax dawn qatt ma kienu rawha mikxufa. Issa meta nkixfet il-koppla ħafna nies bdew isaqsu minn kien il-pittur. Għalhekk se nagħti xi tagħrif fuq dan il-pittur li kien jismu Ġanni Vella.

Dan il-pittur twieled fid-9 ta' Mejju 1885 f'Bormla, it-tieni minn tliet ulied ta' Francesco u Marianna née Attard. Minn età żgħira Ġanni wera li kellu ġewwa fih it-talent tal-arti. Ċertu Dun Ġużepp Vella minn Bormla rrikmandah lill-pittur Profs. Palombi li dak iż-żmien kien qiegħed ipitter is-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Ġanni baqa' jaħdem, u fl-istess ħin jitħarreġ ma' Palombi fix-xogħol tiegħu fid-diversi knejjes madwar Malta. Imbagħad Ġanni mar Ruma (fl-1907) fejn studja fl-Accademia di Belle Arti u f'The British Academy of Arts. Hu tgħallem taħt M. Spinetti, D. Bruschi u S. Borgogelli. Hemmhekk rebaħ ħafna premjijiet għal diversi pitturi li għamel. Il-Ministru Taljan tal-Kultura ta lil Vella premju speċjali talli pinġa l-kwadru 'Villa Borghese sotto Neve'. Meta Ġanni ġie lura għal ftit snin baqa' jaħdem ma' Palombi. Wara fetaħ studio fi Strada Rjali. Fl-1913 hu żżewweġ lill-mudella tiegħu Mary Cretien u kellhom tlett itfal Maria, Aldo u Beppe. Ġanni issa beda jistabbilixxi ruħu bħala pittur mhux biss tal-paesaġġi kif ukoll ta' pittur ta' diversi koppli u altari fi knejjes. F'dak iż-żmien kien hawn idea li pittur Taljan hu ħafna aħjar minn pittur Malti. Iżda Ġanni rnexxielu jpinġi fil-knejjes tal-Marsa, tal-Gżira, San Pawl ta' Bormla, tal-Lunzjata tal-Birgu, taż-Żurrieq, tal-Mellieħa u fuq kollox ta' Ħal Tarxien.

Dun Mikiel Vella kien prokuratur tal-knisja tagħna għal diversi snin qabel is-snin ħamsin (1950's) u xtaq ħafna, anzi ried li jsebbaħ lill-knisja parrokkjali tagħna. Hu kien ingħata parir biex ikellem lil Ġanni Vella biex ipitter is-saqaf u l-koppla tal-knisja parrokkjali tagħna. Mill-fieri li kien jagħmel kull sena u mill-flus li kienu tawh diversi Tarxiniżi (fosthom Nikola Mallia, ta' Barbri) Dun Mikiel kellu flus biżżejjed biex jidħol għal dik l-ispiża. Għalhekk Ġanni Vella pinġa l-korsija, il-kor, is-saqaf taż-żewġ kappelluni u fuq kollox il-koppla. Fis-saqaf kollu tal-knisja naraw diversi episodji mill-Vanġelu li fihom il-Madonna kellha sehem kbir filwaqt li fil-koppla hemm miġbura grupp ta' pittura mill-isbaħ taħt it-titlu ta' Maria Regina kompost minn għadd ta' qaddisin, martri, profeti u verġni mqassmin fit-tmien flieli tal-koppla. F'dan ix-xogħol li għamel fil-knisja tagħna Ġanni Vella wera l-ħila tiegħu tant fil-għażla tas-suġġett kif ukoll fl-eżekuzzjoni u fil-preżentazzjoni tiegħu.

Ġanni għamel ħafna snin jaħdem fuq il-karrijiet tal Karnival u fuq il-maskri grotteski. Insibu xogħol tiegħu, ħafna drabi profan, f'diversi vilel tal-aqwa sinjuri.

F'Diċembru 1976 ġie mogħti Midalja tad-Deheb mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ.

Fit-3 ta' Settembru 1977 dan l-artist Malti famuż ħalla dan il-wied tad-dmugħ wara ħajja mimlija xogħol artistiku.

**Referenzi**

Maltese Biographies of the 20th Century.
Leħen Is-Sewwa Mejju 1983, Novembru 2006
Times of Malta, November 2002
Fuljett Marija Immakulata, Bormla festa 2002
Fuljett 'Tarxien', April - Ġunju 1995